9 ta' April, 1954

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Regina *versus* Ġorġ Mallia

**Estinzjoni ta' l-Azzjoni — Sewqan bla Liċenza — Falsifikazzjoni ta' Liċenza tas-Sewqan**

*Biex jista' jingħad li hemm estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali hemm bżonn li l-fatt, fiżikament rigwardat, ikun l-istess fatt. Jekk il-fatt tas-sentenza ta' qabel ikun materjalment distingwibbli minn dak ta' l-akkuża posterjuri, allura ma hemmx lok għall-eċċezzjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni. U anki meta l-fatti jsiru fl-istess kontest ta' azzjoni, jista' jagħti l-każ li l-fatt ikun materjalment distingwibbli.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jiffalsifika liċenza tas-sewqan biex ikun jista', bis-saħħa tal-liċenza falsifikata, jikri karrozza, u mbagħad*

*isuq dik il-karrozza, u jiġi mħarrek u kundannat talli saq karrozza bla liċenza, ma jistax, f'kawża li ssirlu wara talli ffalsifika u għamel użu minn liċenza falsifikata, jeċċepixxi b'suċċess l-estinzjoni ta' l-azzjoni fuq il-motiv li qabel kien ġie kundannat talli saq karrozza bla liċenza.*

*U lanqas hemm lok għal din l-eċċezzjoni, f'każ simili, fuq il-motiv illi l-Pulizija kien messha ddeduċiet mill-ewwel kontra l-akkużat it-titolu gravjuri.*

Il-Qorti; — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 9040;

Rat in-nota ta' l-akkużat ta' l-ewwel ta' April, 1954, fejn, wara li ppremetta li fis-26 ta' Awissu, 1954, huwa ġie kundannat fuq tliet imputazzjonijiet, li waħda minnhom kienet dik li saq karrozza bla liċenza, kif ukoll li, biex akkwista l-użu ta' dik il-karrozza, huwa għamel użu ta' liċenza falsifikata, eċċepixxa li l-imputazzjonijiet dedotti fl-att ta' l-akkuża jikkostitwixxu reat uniku ma' dak li għalih ġa ġie kundannat, li huwa assorbit, u għalhekk ukoll l-att ta' l-akkuża huwa null minħabba improċedibilità jew estinzjoni ta' l-azzjoni, li kienet ġa teżisti qabel inbeda l-proċediment;

Rat in-nota ta' l-Attorney General, li biha qal li jopponi ruħu għall-eċċezzjoni sollevata, bħala li hija infondata;

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, tas-16 ta' April, 1954, li bih irrimettiet lil dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin l-inkartament kollu, sabiex din l-istess Qorti, fil-jum, post u ħin li jkun jogħġobha tagħżel, teżamina u taqta' l-kwistjoni lilha rimessa;

Trattat l-inċident;

Ikkunsidrat;

Fl-att ta' l-akkuża fuq imsemmi qiegħed jiġi addebitat lill-akkużat, fl-ewwel kap, li hu ffalsifika liċenza tas-sewqan, u, fit-tieni kap, talli għamel użu xjenti ta' din il-liċenza falsifikata;

Bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' Awissu, 1953, eżibita in kopja fl-inkartament, l-akkużat kien ġie kundannat — minbarra fuq imputazzjonijiet oħra li ma jinteressawx dan l-inċident — fuq li saq vettura bla liċenza;

Minn dak li hemm fl-istruttorja (u għall-finijiet ta' din

l-eċċezzjoni l-Qorti għandha tħares biss lejn ir-riżultanzi tal-kumpilazzjoni) *jidher* li, brevement, ġara dan;

L-akkużat odjern u ċertu Giuseppe Zahra riedu jikru karrozza "self drive", u, peress li ma kellhomx liċenza tas-sewqan, Zahra ġieb il-liċenza li kellu ħuh Carmelo Zahra, u l-akkużat u dan Giuseppe Zahra qalgħu l-fotografija ta' Carmelo Zahra *minn fuq dik il-liċenza* u ssostitwew fotografija ta' l-akkużat odjern. B'dan il-mod krew car mill-London Garage, billi wrew lill-impjegat Carmelo Attard din il-liċenza hekk manipolata. L-akkużat saq il-car — dan kien fl-24 ta' Awissu, 1953 — u kien involut f'aċċident. Il-Pulizija allura ħarġet kontra tiegħu ċ-ċitazzjoni li fuqha ngħatat is-sentenza fuq imsemmija tas-26 ta' Awissu, 1953, u li biha, kif ingħad, ġie kundannat, "inter alia", anki għal sewqan bla liċenza. Fis-27 ta' Awissu, 1953 (l-għada tas-sentenza) il-Pulizija ressqet lil Giuseppe Zahra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala *Qorti Istruttorja*, fuq *l-imputazzjoni* ta' falsifikazzjoni u użu ta' dik il-liċenza, u in segwitu, fuq att ta' l-akkuża, dan ġie misjub ħati u kundannat minn din il-Qorti Kriminali fil-15 ta' Diċembru, 1953. Fit-13 ta' Frar, 1954, stante d-dikjarazzjonijiet li kien għamel dan Zahra, il-Pulizija pproċediet kontra *l-akkużat odjern għall-falsifikazzjoni* tal-liċenza u użu xjenti tagħha; u dawn il-proċeduri waslu għall-att ta' akkuża fuq imsemmi. Tant jidher mill-*korti* tal-kumpilazzjoni, salva kull kontestazzjoni ta' l-akkużat;

Id-difiża issa qegħdha ssostni li, peress li l-fatt jfforma l-meritu ta' l-imputazzjoni ta' sewqan bla liċenza, u għal dik l-imputazzjoni kien hemm diġà kontra l-akkużat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fuq imsemmija, tas-26 ta' Awissu, 1953, *għalhekk għall-att ta'* l-akkuża odjern hemm l-ostakolu ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni;

Issa, "in diritto", ġie deċiż minn din il-Qorti, sedi ta' l-Appell, "Pulizija vs. Saliba" 28 ta' Frar, 1953, b'riferenza għall-ġurisprudenza preċedenti "Rex vs. Rosaria Portelli", 23 *ta' Frar*, 1904, u "Rex vs. Carmelo Said" 13 *ta' Frar*, 1931, illi, biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minħabba sentenza preċedenti, *hemm bżonn* li l-fatt, fiżikament rigwardat, ikun l-istess fatt. Jekk il-fatt tas-sentenza

ta' qabel ikun materjalment distingwibbli minn dak ta' l-akkuża posterjuri, allura ma hemmx lok għall-eċċezzjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni;

Issa, fil-każ preżenti, hu ewwja li l-fatt ma hux affattu l-istess. Il-fatt li fforma l-meritu tas-sentenza tas-26 ta' Awissu, 1953, kien is-sewqan tal-car, mentri l-fatt li jifforma l-meritu ta' l-att ta' l-akkuża odjern huwa l-fatt preċedenti tal-falsifikazzjoni tal-liċenza u otteniment tal-car bis-saħħa tal-liċenza hekk falsifikata. L-allegazzjoni hija li, l-ewwel, l-akkużat iffalsifika l-liċenza, imbagħad wera dik il-liċenza falsifikata lill-impjegat tal-London Garage, u bis-saħħa tagħha ottjena l-kiri tal-car, u in segwitu saq il-car. Il-fatti, għalhekk, huma kjarament distingwibbli. Anki meta l-fatti jsiru fl-istess kontest ta' azzjoni jista' jagħti l-każ li jkunu materjalment distingwibbli (ara l-kawża "Pulizija vs. Saliba" fuq ċitata, fejn iż-żewġ fatti, avvolja fl-istess kontest ta' azzjoni, kienu materjalment distingwibbli; u ara "Pulizija vs. Pace", App. Krim. 28 ta' Jannar, 1939, fejn il-fatti, li ġraw fl-istess kontest ta' azzjoni, ma kienux materjalment distingwibbli). Issa, f'dan il-każ tal-lum il-fatti lanqas biss ġraw fl-istess kontest ta' azzjoni, imma b'intervall li jiddistingwihom bla dubju ta' xejn;

Lanqas jista' jingħad, in bażi għas-sentenza fuq ċitata "Rex vs. Rosaria Portelli", li hemm lok għall-eċċezzjoni għaliex il-Pulizija kien messha ddeduċiet mill-ewwel kontra l-akkużat it-titolu gravjuri. Fil-każ ta' Rosaria Portelli l-fatt kien l-istess — feriment; u l-Pulizija kienet iddeduċiet dak il-feriment bit-titolu ta' offiża ljevi, u l-akkużat ġie kundannat; imbagħad, dejjem għall-istess fatt tal-feriment, iddeduċiet it-titolu gravjuri ta' offiża gravi. Mentri fil-każ preżenti, it-titolu tal-falsifikazzjoni u ta' l-użu xjenti qiegħed jiġi dedott in riferenza għall-fatt preċedenti ta' l-otteniment tal-kiri tal-car permezz tal-liċenza bil-fotografija mibdula, u mhux in riferenza għall-fatt susseġwenti tas-sewqan tal-car li fforma l-meritu tas-sentenza tas-26 ta' Awissu, 1953;

Lanqas jista' jiġi argomentat li hemm lok għall-eċċez-

zjoni *in bażi* għall-kawża "Rex vs. Said" fuq *ċitata*, għaliex anki f'dik il-kawża l-akkużat kien ippermetta l-*użu* tal-karrozzin tiegħu għal skopijiet immorali fl-istess ħin li kien qiegħed isuq dak il-karrozzin bla liċenza: is-sewqan bla liċenza u l-użu tal-karrozzin misjuq bla liċenza għal skopijiet ta' prostituzzjoni saru fl-istess ħin;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tad-difiża.